IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.7.2013
COM(2013) 521 final

2013/0247 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Estensjoni ta' deroga għal dawk l-Istati Membri mhedda b'diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom biex jużaw rati ta' kofinanzjament miżjuda

- **Raġunijiet u għanijiet għall-proposta**

Il-kriżi finanzjarja u ekonomika sostnuta poġġiet ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali taħt pressjoni hekk kif l-Istati Membri qegħdin iwettqu politiki meħtieġa ta' konsolidazzjoni fiskali. F'dan il-kuntest, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata l-implimentazzjoni massima ta' programmi ta' żvilupp rurali.

L-implimentazzjoni tal-programmi spiss hija diffiċli, mhux l-anqas minħabba l-problemi ta' likwidità li jirriżultaw mill-konsolidazzjoni fiskali. Dan huwa b'mod partikolari l-każ ta' dawk l-Istati Membri li ġew l-aktar affettwati mill-krizi finanzjarja u li rċevew għajnuna finanzjarja taħt programm ta' aġġustament. Sal-lum, seba' pajjiżi rċevew għajnuna finanzjarja u qablu dwar programm ta' aġġustament makroekonomiku mal-Kummissjoni. Dawn il-pajjiżi huma Ċipru, l-Ungerija, ir-Rumanija, il-Latvja, il-Portugall, il-Greċja u l-Irlanda, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-pajjiżi tal-programm". L-Ungerija, ir-Rumanija u l-Latvja ma għadhomx taħt programm ta' aġġustament.

Sabiex jiġi żgurat li dawn l-Istati Membri (u kull Stat Membru ieħor li jista' jibbenefika minn programmi ta' għajnuna bħal dawn fil-futur) jibqgħu jimplimentaw il-programmi tal-politika ta' koeżjoni fil-prattika u jkomplu jużaw il-fondi għall-proġetti, il-proposta attwali fiha dispożizzjonijiet li jippermettu lill-Istati Membri jagħmlu użu minn rati ta' kofinanzjament ogħla, mingħajr ebda bdil fl-allokazzjoni ġenerali taħt il-politika ta' żvilupp rurali għall-perjodu 2007-2013. Dan se jipprovdi riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-Istati Membri f'mument kritiku u se jħaffef l-implimentazzjoni kontinwa tal-programmi fil-prattika.

- **Il-kuntest ġenerali u d-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-isfera tal-politika tal-proposta**

L-Artikolu 70(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jistipula deroga biex jiżdied il-limitu massimu tal-kontribuzzjonijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 u 5 tal-istess Artikolu, sa massimu ta' 95 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni eliġibbli skont l-Objettiv ta' Konverġenza u r-reġjuni ultraperiferiċi u l-Gżejjer minuri tal-Eġew, u sa 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli f'reġjuni oħra. Dik id-deroga bħalissa tapplika biss għan-nefqa mġarrba mill-aġenziji tal-pagamenti sal-31 ta' Diċembru 2013.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea b'rispons għall-kriżi finanzjarja.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Ma kienx hemm konsultazzjoni ma' partijiet interessati esterni

- **L-akkwist u l-użu ta' għarfien espert**

L-użu ta' għarfien espert estern ma kienx meħtieġ.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Istati Membri li qegħdin jirċievu għajnuna finanzjarja għandhom il-possibbiltà li jressqu talba lill-Kummissjoni biex din timmodifika l-programm ta' żvilupp rurali għall-2007-2013 tagħha u biex jużaw id-deroga biex japplikaw rati ta' kofinanzjament għoljin iktar min-normal. Bħalissa l-Greċja, l-Irlanda u l-Portugall jużaw dik id-deroga, imma mhux fil-każi kollha sal-massimu. Peress li l-allokazzjoni finanzjarja totali għall-perjodu mill-FAEŻR għall-Istati Membri u l-programmi inkwistjoni mhux se jinbidlu, ir-rati ogħla ta' kofinanzjament tal-UE essenzjalment inaqqsu l-ammont totali ta' kontribuzzjoni pubblika disponibbli għall-programmi ta' żvilupp rurali waqt il-perjodu ta' programmazzjoni. Il-possibbiltà għall-Istati Membri li qegħdin jirċievu għajnuna finanzjarja biex iżidu r-rati ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR taħt il-programmi ta' żvilupp rurali attwali għall-2007-2013 bħalissa teżisti biss għan-nefqa mġarrba sal-31 ta' Diċembru 2013 (għall-perjodu li fih l-Istat Membru jkun qiegħed jirċievi għajnuna finanzjarja) u għaldaqstant ma jestendix sad-data finali ta' eliġibbiltà tan-nefqa fil-31 ta' Diċembru 2015.

Għan-nefqa mġarrba taħt il-perjodu ta' programmazzjoni ġdid għall-2014-2020, skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni] ir-rata ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR tista' tiżdied b'10 punti perċentwali fuq ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli għal kull miżura tal-FAEŻR. Din is-sistema ġdida, li se tkun żieda uniformi għall-miżuri kollha, f'xi każi tista' tfisser tibdiliet ogħla jew iktar baxxi għar-rati ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR mis-sistema kurrenti skont l-Artikolu 70(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

Jekk il-possibbiltà stipulata fl-Artikolu 70(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 li jintużaw rati ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR ogħla min-normal taħt il-programmi attwali ta' żvilupp rurali tkun limitata sa tmiem l-2013 u biss għall-perjodu li fih l-Istat Membru jkun qiegħed jirċievi għajnuna finanzjarja, jeżisti r-riskju li l-ogħla u l-aqwa użu tal-finanzjament mill-FAEŻR se jkun affettwat serjament għall-programmi ta' żvilupp rurali inkwistjoni qabel l-eżistenza tal-possibbiltà taż-żidiet taħt il-programmi l-ġodda.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-miżuri proposti**

Huwa proposta li jkun emendat l-Artikolu 70(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 biex ikun permess li l-Istati Membri li jkunu qegħdin jirċievu għajnuna finanzjarja jibbenefikaw miż-żieda ta' 10 punti perċentwali, għall-impenji baġitarji miftuħa għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 biss, sal-aħħar tal-perjodu ta' eleġibbiltà u biex jagħmlu talba għaliha fit-talbiet tagħhom ta' bilanċ finali anki jekk l-għajnuna finanzjarja ma tkunx għada qed tingħata.

- **Bażi legali**

L-Artikoli 42 u 43 tat-TFUE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà sal-punt li tfittex li tipprovdi aktar għajnuna permezz tal-FAEŻR għal ċerti Stati Membri li għaddejjin minn

diffikultajiet serji, b'mod specjali fir-rigward tat-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà finanzjarja u bil-qagħda tad-defiċit u d-dejn tagħhom sejra għall-agħar, ukoll bħala riżultat tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju internazzjonali. F'dan il-kuntest, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu temporanju fil-livell tal-Unjoni li jippermetti derogi mir-rati ta' kofinanzjament normali għall-FAEŻR.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità:

L-estensjoni tal-applikazzjoni tar-rati miżjuda ta' kofinanzjament hija proporzjonali fir-rigward tal-kriżi ekonomika sostnuta u ta' sforzi oħra meħuda biex jiġu megħjuna dawn l-Istati Membri.

- **Għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: emenda tar-regolament attwali.

Il-Kummissjoni eżaminat il-marġini kollha ta' manuvra pprovduti mill-qafas legali u tikkunsidra meħtieġ, fid-dawl tal-esperjenza sa issa, li tipproponi modifika għar-Regolament (KE) Nru 1698/2005.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta mhu se jkollha l-ebda impatt fuq l-approprjazzjonijiet tal-impenji, billi mhi qiegħda tiġi proposta l-ebda bidla fl-ammonti massimi tal-finanzjament tal-FAEŻR ipprovduti fil-Programmi Operattivi għall-perjodu ta' programmazzjoni għall-2007-2013.

Madanakollu, il-ħtieġa tal-approprjazzjonijiet tal-pagamenti fil-baġit tal-2014 tista' tiżdied b'EUR 90 miljun jekk l-Istati Membri jibqgħu japplikaw ir-rata ta' kofinanzjament miżjuda.

Fid-dawl tat-talbiet mill-Istati Membri biex jibbenefikaw mill-miżura u filwaqt li jitqies kif qiegħda tevolvi s-sitwazzjoni fir-rigward tas-sottomissjoni tal-pagamenti interim, il-Kummissjoni se tirrevedi s-sitwazzjoni u jekk ikun hemm il-ħtieġa tikkunsidra azzjonijiet relevanti.

2013/0247 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li bagħtu l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Billi:

(1) Il-kriżi finanzjarja globali u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku mingħajr preċedent għamlu ħsara serja lit-tkabbir ekonomiku u lill-istabbiltà finanzjarja, u ħolqu deterjorament qawwi fil-kundizzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi ta' diversi Stati Membri. B'mod partikolari, ċerti Stati Membri jinsabu għaddejjin minn diffikultajiet serji jew huma mhedda b'diffikultajiet bħal dawn, notevolment bi problemi fit-tkabbir ekonomiku u l-istabbiltà finanzjarja tagħhom, u bil-qagħda tad-defiċit u tad-dejn tagħhom sejra għall-agħar, anki bħala riżultat tal-ambjent ekonomiku u finanzjarju internazzjonali.

(2) Filwaqt li diġà ttieħdu azzjonijiet importanti biex jilqgħu kontra l-effetti negattivi tal-kriżi, inklużi emendi fil-qafas leġiżlattiv, l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali għadu qiegħed jinħass sew u l-pressjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji nazzjonali qiegħda tiżdied.

(3) Fid-dawl tad-diffikultajiet serji li għadd ta' Stati Membri għadhom jaffaċċjaw fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom, u biex jiġu limitati l-effetti negattivi li jseħħu waqt it-tranżizzjoni mill-perjodu ta' programmazzjoni attwali għal dak li ġej, billi jkun hemm lok għal użu massimu tal-fondi FAEŻR disponibbli, it-tul ta' żmien tad-deroga li żżid ir-rati ta' kontribuzzjoni massimi tal-FAEŻR stipulati fl-Artikolu 70(4c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005[3] għandu jiġi estiż sad-data finali ta' eliġibbiltà tan-nefqa għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, fil-31 ta' Diċembru 2015.

(4) Il-possibbiltà għal pagamenti interim u pagamenti tal-bilanċ finali li jiżdiedu fuq ir-rata normali ta' kofinanzjament m'għandhiex tkun limitata għall-perjodu ta' żmien li matulu l-Istat Membru jkun qiegħed jirċievi għajnuna finanzjarja skont ir-Regolament

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .
[3] ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

(UE) Nru 407/2010, ir-Regolament (KE) Nru 332/2002 jew it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà minħabba li l-Istat Membru jkun għadu qiegħed jaffaċċja diffikultajiet serji biex jiżgura kofinanzjament mill-baġit nazzjonali anki wara li l-għajnuna finanzjarja tkun ġiet mitmuma.

(5) F’konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ 7-8 ta’ Frar 2013 u kif previst fl-Artikolu 22 ta' [CPR], ir-rata ta’ kofinanzjament miżjuda b’10 punti perċentwali se tapplika fir-rigward tal-perjodu ta’ programmazzjoni 2014-2020 sat-30 ta’ Ġunju 2016 meta l-possibbiltà taż-żieda se tiġi riveduta. Peress li l-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020 jaħbtu flimkien, huwa meħtieġ li jkun żgurat trattament koerenti u uniformi tal-Istati Membri li jirċievu għajnuna finanzjarja taħt iż-żewġ perjodi. Għaldaqstant, l-Istati Membri li jkunu qegħdin jirċievu għajnuna finanzjarja għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw miż-żieda fir-rata ta' kofinanzjament sa tmiem il-perjodu ta’ eliġibbiltà u biex jagħmlu talba għaliha fit-talbiet tagħhom għal bilanċ finali anki jekk l-għajnuna finanzjarja ma tkunx għada qed tingħata.

(6) Fid-dawl tal-fatt li d-data ta' għeluq stabbilita fl-Artikolu 70(4c) taħbat ma' tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni u r-rekwiżiti ta' programmazzjoni u proċedura relevanti, huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

(7) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 għandu jiġi emendat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 70(4c) tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-ewwel subparagrafu l-parti introduttorja hija mibdula b'dan li ġej:

"Permezz tad-deroga mil-limitu massimu stabbilita fil-paragrafi 3, 4 u 5, il-kontribuzzjoni tal-FAEŻR tista' tiżdied sa massimu ta' 95 % tan-nefqa pubblika eliġibbli fir-reġjuni eliġibbli taħt l-Objettiv ta' Konverġenza u r-reġjun ultraperiferiċi u l-Gżejjer Minuri tal-Eġew, u 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli f'reġjuni oħra. Dawn ir-rati għandhom japplikaw għan-nefqa eliġibbli li tkun għada kemm ġiet iddikjarata f'kull dikjarazzjoni ċċertifikata tal-infiq, fejn wara [*OPOCE jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] Stat Membru jkun konformi ma' kundizzjoni waħda minn dawn li ġejjin: “

(b) It-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Stat Membru li jixtieq jagħmel użu mid-deroga stipulata fl-ewwel subparagrafu għandu jissottometti talba lill-Kummissjoni biex jimmodifika il-programm ta' żvilupp rurali skont din it-talba. Id-deroga għandha tapplika mill-approvazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-modifika tal-programm."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA	AGRI/I1/2013/1278200 6.20.2013.6 DATA: 17.05.2013

1. INTESTATURA BAĠITARJA:

05 04 Żvilupp Rurali

2. TITLU:

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)

3. BAŻI LEGALI:

L-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

4. GĦANIJIET:

Dan ir-regolament jestendi sa tmiem l-2015 id-deroga li tippermetti lill-Istati Membri li qegħdin jirċievu għajnuna finanzjarja biex iżidu r-rati ta' kontribuzzjoni tal-FAEŻR sa 95 % f'reġjuni taħt l-Objettiv ta' Konverġenza u r-reġjuni ultraperiferiċi u l-Gżejjer minuri tal-Eġew, u sa 85% f'reġjuni oħra.

5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljun)	SENA FINANZJARJA KURRENTI 2013 (EUR miljun)	SENA FINANZJARJA SEGWENTI 2014 (EUR miljun)
5.0 NEFQA - IMĦALLSA MILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRA			AI: - AP: + 90
5.1 DĦUL - RIŻORSI PROPRJI TAL-UE (IMPOSTI/DAZJI DOGANALI) - NAZZJONALI			

	2015	2016	2017	2018
5.0.1 NEFQA STMATA 5.1.1 DĦUL STMAT			AP: - 90	

5.2 METODU TA' KALKOLU: -	
6.0 DAN IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MINN APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RELEVANTI TAL-BAĠIT KURRENTI?	mhux disponibbli
6.1 DAN IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA' TRASFERIMENTI BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT KURRENTI?	mhux disponibbli
6.2 BAĠIT SUPPLIMENTARI SE JKUN MEĦTIEĠ?	LE
6.3 L-APPROPRJAZZJONIJIET SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU F'BAĠITS FUTURI?	LE

OSSERVAZZJONIJIET:
Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet tal-impenji, il-modifika tar-Regolament 1698/2005 mhu se jkollha l-ebda impatt finanzjarju minħabba li l-ammonti globali allokati għall-iżvilupp rurali u t-tqassim annwali tagħhom se jibqgħu l-

istess.

Għall-pagamenti, l-estensjoni tad-deroga li tippermetti l-applikazzjoni ta' rati ta' kofinanzjament miżjuda jistgħu jirriżultaw f'rimborżi ogħla għall-Istat Membru kkonċernat. Il-proposta mhux se jkollha l-ebda impatt fis-sena 2013. Abbażi tal-aħħar previżjoni disponibbli dwar il-pagamenti mill-Istati Membri, il-ħtiġijiet addizzjonali tal-pagamenti jistgħu jiġu stmati għal EUR 90 miljun fl-2014 (kkumparat ma' sitwazzjoni fejn l-applikazzjoni ta' rati miżjuda tintemm fl-2013). Dan l-ammont se jkun ikkompensat fl-għeluq tal-programmi, aktarx fl-2017.

Fid-dawl tat-talbiet mill-Istati Membri biex jibbenefikaw mill-miżura u filwaqt li jitqies kif qiegħda tevolvi s-sitwazzjoni fir-rigward tas-sottomissjoni tal-pagamenti interim, il-Kummissjoni se tirrevedi s-sitwazzjoni u jekk ikun hemm il-ħtieġa tikkunsidra azzjonijiet relevanti.